**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

# Laqgħa Nru. 5

L-Erbgħa 23 ta' Ottubru, 2019

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**5.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 5.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-04.

**5.2.01** Il-minuti tal-laqgħa numru 4 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**5.3.01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Divizjoni għall-Gvern Lokali fejn intalbet lista ta' inhawi, żoni, jew meded li fihom jikber ħaxix ħażin li l-Kunsill inaddaf kif ukoll water culverts.

**5.3.02** Ittra mill-Moviment Kerygma dwar Premju Żagħżugħ tas-sena 2019

**5.3.03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill jagħti l-awtorizazzjoni lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex taġixxi u tirrispondi f'isem il-Kunsill Lokali dwar il-Protest Ġudizzjarju ta' 356 Holdings Ltd. (bus shelters).

**5.3.04** Il-Kunsill ġie mitlub mir-Reġjun t'Għawdex biex il-ġbir ta' ħġieġ jibda jsir l-ewwel Ġimgħa tax-xahar minflok l-ewwel Ħamis tax-xahar. Għalkemm il-Kunsill ma kellux problemi bil-ġbir eżistenti iddeċieda li jaqbel li tinbidel il-ġurnata jekk il-kumplement tal-Kunsilli jridu hekk.

**5.3.05** Kalendarju Kulturali 2020. Il-Kunsill qabel li jorganizza l-attivita ta' *Traditions, Wine, Olive Oil & Honey* nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru 2020 u dan għandu jiġi mniżżel fil-Kalendarju Kulturali 2020.

**5.3.06** Il-Kunsill irċieva u applika għall-inizjattiva tal- WIFI4EU.

**5.3.07** Il-Kunsill irċieva talba mingħand kollezzjonist ta' innijiet, kantati u oratorji biex jixtri kopja tal-innu l-kbir tal-Għasri. Il-Kunsill ser jgħaddi kopja tas-CD lil dan il-persuna. F'dan il-ħin ġie diskuss il-possibilta' li dan l-innu jerġa jibda jindaqq fil-festa. Il-Kunsill ser jitkellem mal-Kappillan dwar dan.

**5.3.08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assistant Direttur tal-Kunsilli Lokali dwar żbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2018. Dan ġie spjegat mill-accountant tal-Kunsill li l-Kunsill m'għandux żbilanċ imma dan hu minħabba l-mod li inħadmu l-accounts mill-awditur. L-awditur ma ħax inkonsiderazzjoni l-fondi

diġa fl-accounts tal-Kunsill mill-Miżura tal-4.3 mingħand il-Ministeru għal Għawdex.

**5.3.09** Ċirkulari 18/2019 Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S.441.04 – Il-Kunsill ġie nformat li ma jistax joħroġ permessi li tingħalaq triq mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-6:00 a.m. u 9:30 a.m. f'toroq fil-viċinanzi tal-iskejjel; f'toroq li huma magħrufa għall-konġestjoni tat-traffiku jew li jistgħu jwasslu għall-konġestjoni tat-traffiku; u għal għeluq ta' triq mingħajr ma qabel tikkonsulta ma' Transport Malta.

**5.3.10** Ċirkulari 19/2019 Sistemi ta' Live-Streaming – Speċifikazzjonijiet Minimi. Dawn ser jintbagħu lill-Kuntrattur tal-Kunsill biex jimxi skond dawn ir-regolamenti.

**5.3.11** Email mingħand il-kuntrattur tal-*live streaming* dwar *Video on Demand*. Dan ser jiġi jiswa €1050 fis-sena in addizzjonali tal-ħlas li qed isir għal-*live streaming*. Il-Kunsilliera ġibdu l-attenzjoni dwar il-ħlas għax huwa wieħed ta' piz kbir għall-kunsill.

**5.3.12** Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jimla *assessment report* tal-ħaddiema tal-iskema. Is-Sindku qal li ħa jħalli f'idejn is-Segretarja peress li hi taħdem magħhom.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**5.4.01** Elizabeth Mintoff ġibdet l-attenzjoni dwar il-kors tal-ħjata li ġie diskuss fl-aħħar laqgħa u li ma ġiex organizzat. Għal darb' oħra nġibdet l-attenzjoni li dan ma kienx qed isir kif suppost. Minflok kors kien qed isir servizz ta' ħajjata. Ġie deċiż li għal din is-sena ma jsirx.

**5.4.02** Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa tar-Reġjun li hu attenda nhar it-Tnejn.

**5.4.03** Sammy Saliba talab sabiex tintbagħat ittra lill-Ministru għal Għawdex biex isir xogħol ta' tisbiħ fl-entratura ewlenija tar-raħal. Ġie diskuss li hemm ħitan tas-sejjieħ li qegħdin jaqgħu, bankini miksura u bżonn ta' kisi mill-ġdid tat-triq. Issemma wkoll il-bżonn li titwessa t-triq fil-bidu tagħha.

**5.4.03** Salvatore Felice Pace ssuġġerixxa li jkun hemm servizz ta' "Carol Singing" mir-residenti barranin fil-knisja. Il-Kunsilliera qablu ma' dan is-suġġeriment u indikaw d-data tal-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru.

## 5.5 *Rapporti:*

**5.5.01** Rapport ta' Kull Kwart (Jannar-Ġunju 2019). Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

**5.5.02** Business Plan 2019-2021. Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

## 5.6 Contract Manager mal-Kunsill:

**5.6.01** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace qal li dan għadu qed jiġi diskuss waqt il-laqgħat tar-Reġjun.

## 5.7 Attivitajiet:

**5.7.01** Ħarġa Kulturali f'Novembru. Ser issir ħarġa kulturali fl-4 ta' Novembru f'Għawdex. Il-ħarġa ser tikkonsisti minn żjara fil-mużewijiet fiċ-Ċittadella, ikla ta' nofsinhar fix-Xagħra u wara żjara fil-Ġgantija u l-Mitħna ta' Kola.

**5.7.02** Attivita' tal-Milied għat-tfal. Peress li fl-aħħar snin fil-party tat-tfal organizzat mill-Kunsill fi żmien tal-Milied m'għadhomx jiġu ħafna tfal, is-Segretarja ssuġġeriet li jkun hemm attivita' differenti. Hi ssuġġeriet li tiġi organizzata ħarġa għas-cinema fejn it-tfal jaraw xi film tal-okkażżjoni (Christmas Movie) u wara jkun hemm ikla. Is-Segretarja ratt jekk dan ikunx possibbli u l-unika diffikulta huwa n-numru ta' tfal li jattendu – is-cinema talbet li ma jkunx hemm inqas minn 80 tifel/tifla. Is-Sindku ssuġġerixxa li nikkuntatjaw lill-Oratorju Don Bosco.

## 5.8 Impjegat mall-Kunsill.

**5.8.01** Kien hemm persuna waħda biss li applikat għal dan il-pożizzjoni. Din il-persuna nformat lis-Segretarja li diġa għandha mpjieg ieħor u għalhekk il-ħinijiet tagħha mhumiex flessibli. Il-Kunsill iddeċieda li din is-sejha tibqa miftuħa. Il-Kunsill għandu jinnomina persuna minn kunsill ieħor biex jaġixxi bħala deputat segretarju kif hemm stipulat fil-liġi.

## 5.9 Proġett ta' Area ta' Rikreazzjoni.

**5.9.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu attenda is-smiegħ tal-kawża tal-appell nhar it-Tnejn, 21 ta' Ottubru. Is-sentenza ser tingħata f'Jannar. F'dan il-ħin ġie diskuss il-possibilta' li jsir playing field żgħir f'area aktar ċentrali fir-raħal. Dan għandu jiġi diskuss f'aktar dettal.

## 5.10 Kunsiderazzjoni u pprovazzjoni ta' l-iskeda ta' Pagamenti.

**5.10.01** Quddiem il-Kunsill tresqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-05 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 5.11 Mozzjonijiet.

**5.11.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 5.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**5.12.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:20 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru fis-7:00 p.m. Qabel il-laqgħa tal-Kunsill ser tissejjah laqgħa pubblikka kif inhu stipulat fil-liġi l-ġdida tal-Kunsilli Lokali.

Konfermati, l-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2019

**FIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv